

Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15369/18

CLIMA 250
ENV 877
TRANS 631
MI 974

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14120/18 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2400 u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal = Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz tal-miżuri msemmija hawn¹ fuq għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE².
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz tal-miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tagħhom³.

¹ 14120/18 + ADD 1 - D058981/02 + Annessi

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista' jopponi, b'maġġoranza kwalifikata, l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn għar-raġuni li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, mhumiex kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jikkonformawx mal-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.

3. Għalhekk is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex jopponi l-abbozz tal-miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.
-